# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-Ġimgħa, 18 ta' Ġunju 2021**

**Talba numru 108/2021SFJ**

***Smina Poultry Products Limited (C22868)***

***vs.***

***Notabile Catering Services Limited (C80475)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-7 ta' April 2021 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet li l-soċjetà konvenuta tkun ikkundannata tħallasha bilanċ ta' **elf u mitejn u erbgħa u sittin Ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€1,264.43)** maqsumin hekk:

- Elf u mija u tnejn u għoxrin Ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€1,122.83) bilanċ ta' prodotti fornuti lis-soċjetà konvenuta; u

- Mija u wieħed u erbgħin Ewro u sittin ċenteżmu (€141.60) rappreżentanti spejjeż legali estraġudizzjarji inkorsi mis-soċjetà attriċi.

Ra li s-soċjetà attriċi talbet l-imgħaxijiet legali kummerċjali mill-21 ta' Lulju 2019 'il quddiem, jiġifieri tletin jum mill-aħħar ordni tas-soċjetà konvenuta u/jew data verjuri u l-ispejjeż tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment mal-Avviż tat-Talba.

Ra l-fatturi kollha annessi mal-Avviż tat-Talba kif ukoll dawk ippreżentati permezz ta' nota.

Ra r-riferta pożittiva (fol. 13) li tindika li s-soċjetà konvenuta ġiet innotifikata fis-16 ta' April 2021.

Ra li s-soċjetà konvenuta ma ppreżentat ebda Risposta u lanqas dehret fl-udjenza tal-25 ta' Mejju 2021 minkejja li kienet ġiet innotifikata bl-Avviż tas-Smigħ.

Sema' lil Annette Rodo (166686M), prodotta mis-soċjetà attriċi, tixhed fl-udjenza tal-25 ta' Mejju 2020 u ra li hija kkonfermat l-ammont dovut u kkonfermat li ma sar ebda pagament fir-rigward tal-ammont dovut.

Ra n-nota ppreżentata fil-25 ta' Mejju 2021 seduta stante li fiha s-soċjetà attriċi ppreżentat id-dokumenti SP3 u SP4.

Ra, madankollu, li d-dokument SP5 anness mal-istess nota kien tant skulurat li bilkemm jinqara.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-18 ta' Ġunju 2021.

## Provi ippreżentati

Oltre l-provi dokumentarji ġià deskritti, it-Tribunal itenni li sema' lil Annette Rodo tixhed, prodotta mis-soċjetà attriċi, u li fix-xhieda tagħha din il-persuna ikkonfermat li l-ammont sħiħ kif mitlub fl-Avviż tat-Talba kien għadu dovut lis-soċjetà attriċi u li ma kien sar ebda pagament.

## Konsiderazzjonijiet

It-Tribunal ikkunsidra li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

Inoltre, l-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Fid-dawl tad-dokumentazzjoni ppreżentata kif ukoll fid-dawl tax-xhieda ta' Annette Rodo, it-Tribunal huwa tal-fehma li s-soċjetà attriċi rnexxielha tipprova li hija kreditriċi tas-soċjetà konvenuta fl-ammont u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba.

**Deċide**

Għaldaqstant, wara li qara l-atti tal-kawża, sema' x-xhieda u qara d-dokumentazzjoni relattiva, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi u għalhekk jikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf u mitejn u erbgħa u sittin Ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€1,264.43) bl-imgħaxijiet legali kummerċjali mill-21 ta' Lulju 2019 'il quddiem, jiġifieri tletin jum mill-aħħar ordni tas-soċjetà konvenuta, iżda jordna li l-imgħaxijiet għandhom ikunu kkalkulati b'rata mhux ogħla mir-rata massima li tippermetti l-liġi

Madankollu, billi s-soċjetà attriċi naqset li tippreżenta prova li kien ġie ppreżentat mandat ta' sekwestru kawtelatorju, it-Tribunal jiċħad il-parti tal-Avviż tat-Talba fejn intalbu l-ispejjeż tal-istess att.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kollha mis-soċjetà konvenuta.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**